**Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)**

**Bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dottor Simone Grech B.A. LL.D. Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum 19 ta' Lulju 2023**

**Kawża numru 8/2022**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Josef Gauci)**

**Vs**

**Caroline Grech**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra Caroline Grech ta' 34 sena, detentriċi tal-karta tal-identita' bin-numru 2697G fejn ġiet akkużatha talli f'dawn il-gzejjer

nhar it-18 ta' Ottubru 2021 għal ħabta ta' bejn it-03:00hrs u l-04:30hrs fir-residenza 'The Le Prevosts', Maisonette 1, fi triq il-Ġojjin, Kerċem, Għawdex:

1. Mingħajr il-ħsieb li toqtol jew tqiegħed l-ħajja ta' ħaddiehor f' periklu car, ikkaġunat grieħi ta' natura gravi fuq il-persuna tas-sieħeb tagħha Jean Pierre Le Prevost hekk kif iċċertifikat minn Dr Joseph Vella MD mil-Sptar Generali t' Għawdex u dan bi ksur ta' l-artikoli 202(h), 214, 216 u 222(1)(a) tal-kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u ċirkostanzi u fil-ġranet u l-ġimgħat ta' qabel bl-mġieba tagħha, ikkaġunat lil Jean Pierre Le Prevost biza' li ser tintuza vjolenza kontrih meta kienet taf jew messha kienet taf li dik l-imgieba tagħha ser tikkaġunalu biza' u dan bi ksur ta' l-artikolu 251B tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi mingħajr ma darbet jew sawtet, heddedt bil-ġebel jew bi ħwejjeġ oħra iebsin jew waddbithom jew qabdet armi oħra kontra n-nies u dan bi ksur tal-artikolu 339(1)(b0 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok, u ċirkostanzi,u jew fis-sigħat ta' qabel, inġurjat jew heddedt lil Jean Pierre Le Prevost b' inġurji jew theddid mhux imsemmijin band' oħra f' dan il-kodiċi, anke jekk kienet ipprovokatha, inġurjat b' mod li ħarġet barra mil-limiti tal-

provokazzjoni u dan bi ksur tal-artikolu 339(1)( e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija bl-iskop li tipprovdi għas-sigurta' tal-persuna offiza jew għaz-zamma tal-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew miflok il-piena applikabbli għar-reat torbot lill-hatja b' obbligazzjoni tagħhom nnifishom taħt penali ta' somma ta' flus u dan ai termini tal-artikolu 383 et seq tal-kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija ukoll ġentilment mitluba biex f' każ ta' ħtija toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-akkużata fil-konfront ta' Jean Pierre Le Prevost ai termini tal-artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali .

Rat li din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif ippreseduta.

Rat id-dokumenti kollha ppreżentati.

Semgħet ix-xhieda.

Rat l-artikoli maħruġa.

Rat li l-imputata ma kellhiex oġġezzjoni li dan il-każ jinstema' bil-proċedura sommarja.

Semgħet trattazzjoni

Rat l-atti kollha ta' din il-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Fil-mori ta' dawn il-proċeduri, Jean Pierre Le Prevost iddikjara bil-ġurament tiegħu li huwa ma jixtieqx jixhed u għazel li jibqa' sieket in vista ta' proċeduri oħra li hemm fil-konfront tiegħu fir-rigward l-istess inċident. Huwa rrinunzja wkoll għal dak kollu li huwa rinunzjabbli.

Il-Qorti għandha quddiemha varji xhieda, izda dawn kollha rraportaw dak li kienu qalulhom l-allegat vittma jew addirittura l-istess imputata. L-ebda wieħed minn dawn ix-xhieda ma kien xhud okulari li ra l-allegat inċidenti jseħħu. Il-Qorti għandha wkoll l-istqarrijiet mogħtija kemm mill-allegat vittma u kif ukoll mill-imputata, izda dawn l-istqarrijiet ma jaqblux fil-kontenut tagħhom.

Fl-isfond ta' dan kollu, u wara li l-Qorti fliet l-atti kollha u l-provi mressqa, hija tqis li l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet fil-konfront tal-imputata ma ġewx ippruvati mill-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubbju raġjonevoli. Dwar it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet jirriżulta li dawn huma preskritti peress li fl-atti ma ġietx eżebita l-ewwel riferta ta' l-imputata u l-ewwel darba li l-imputata dehret quddiem il-qorti kien proprju fis-7 ta' April 2022, u ċioe' meta t-terminu ta' preskrizzjoni kien gia' laħaq iddekorra.

**Deċide:**

**Għaldaqstant, din il-Qorti qed tillibera lil Caroline Grech minn kull kundanna u ħtija ghal dak li għandhu x' jaqsam ma' l-ewwel imputazzjoni u t-tieni imputazzjoni filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet u tar-raba' imputazzjonijiet stante li huma preskritti.**

**Dr. Simone Grech** — **Diane Farrugia**

**Maġistrat** — **Deputat Reġistratur**